BANK ĊENTRALI EWROPEW

EUROSISTEMA

26 ta' Novembru 2013

# Fuljett ta' tagħrif dwar l- €10 ġdida

Iktar minn għaxar snin wara l-introduzzjoni tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro, l-Eurosistema bdiet toħroġ it-tieni sensiela ta' karti tal-euro, magħrufa bħala s-sensiela Europa. Is-sensiela l-ġdida fiha xbieha ta' wiċċ Europa – figura tal-mitoloġija Griega u l-oriġini tal-isem tal-kontinent tagħna – fl-ologramma u fil-*watermark*.

Il-karta l-ġdida tal-€5 daħlet fiċ-ċirkolazzjoni fit-2 ta' Mejju 2013 u għandha diversi karatteristiċi ta' sigurtà ġodda biex tkun iktar reżistenti għall-falsifikazzjoni. Il-karta l-ġdida u l-karti l-oħra kollha tal-euro jistgħu jiġu ċċekkjati faċilment permezz tal-metodu "ħoss, ħares u mejjel": http://www.karti-godda-tal-euro.eu/Karti-tal-flus-tal-Euro/Karatteristiċi-ta'-sigurtà/ĦOSS/IL-€5-ĠDIDA.

Il-karta l-ġdida tal-€10 se toħroġ fl-2014. Wieħed jista' jikseb aktar tagħrif dwarha fil-paġna http://www.karti-godda-tal-euro.eu/.

- **Meta se tidħol fiċ-ċirkolazzjoni l-€10 il-ġdida?**

Id-data eżatta tal-ħruġ se titħabbar meta l-karta tal-flus tiġi ppreżentata uffiċjalment fit-13 ta' Jannar 2014. It-tabella ta' hawn taħt tagħti ħarsa ġenerali lejn it-tħejjijiet għall-introduzzjoni tagħha.

| 26 ta' Novembru 2013 | 13 ta' Jannar 2014 | | Ġunju 2014 | Wara s-sajf tal-2014 |
|---|---|---|---|---|
| Seminar tal-BĊE għall-manifatturi u l-fornituri ta' apparat li jimmaniġġa l-karti tal-flus fil-Bank Nazzjonali tal-Belġju, Brussell | Preżentazzjoni tal-€10 l-ġdida fil-Bank Ċentrali Ewropew, Frankfurt am Main | Karti ġodda tal-€10 jinsilfu lill-manifatturi u l-fornituri ta' apparat li jimmaniġġa l-karti tal-flus biex jadattaw il-magni u t-tagħmir tagħhom | Fuljetti dwar l-€10 il-ġdida jintbagħtu lil 3 miljun post tal-bejgħ fiż-żona tal-euro | L-€10 il-ġdida toħroġ fiż-żona tal-euro kollha |

- **L-Eurosistema hija responsabbli biex it-tagħmir u l-magni użati għall-immaniġġar u l-awtentikazzjoni tal-karti tal-flus jaċċettaw il-karti tal-flus il-ġodda?**

It-tagħmir u l-magni li jintużaw għall-awtentikazzjoni tal-karti tal-flus mhumiex ir-responsabbiltà tal-Eurosistema iżda tas-sidien tagħhom u, indirettament, tal-fornituri u l-manifatturi tagħhom. Madankollu, l-Eurosistema hija responsabbli biex tipprovdi t-tagħrif u l-materjal kollu meħtieġ lill-imseħbin rilevanti biex dawn ikunu jistgħu jadattaw il-magni u t-tagħmir għall-karti tal-flus il-ġodda. Il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali jikkooperaw mill-qrib mal-manifatturi, il-fornituri, l-operaturi u s-sidien tal-apparat li jimmaniġġa u jivverifika l-karti tal-flus biex dawn ikollhom żmien biżżejjed ħalli jadattaw l-apparat tagħhom qabel il-ħruġ ta' kull denominazzjoni. L-Eurosistema tħeġġeġ lis-sidien ta' dan l-apparat biex jivverifikaw mal-fornituri jekk l-apparat jaċċettax il-karti tal-flus il-ġodda u jekk jimmaniġġax id-denominazzjonijiet l-oħra tas-sensiela Europa li se joħorġu fil-ġejjieni. Listi bit-tagħmir għall-awtentikazzjoni tal-karti tal-flus u l-magni li jimmaniġġaw il-karti tal-flus li jaċċettaw il-€5 il-ġdida jinsabu hawn http://www.ecb.europa.eu/euro/cashprof/cashhand/devices/html/results.mt.html u se

jkunu aġġornati b'tagħrif dwar l-€10 il-ġdida. Barra dan, dejjem jista' jintuża l-metodu ħoss, ħares, mejjel (http://www.karti-godda-tal-euro.eu/Karti-tal-flus-tal-Euro/Karatteristiċi-ta'-sigurtà/ĦOSS/€5-TAL-EWWEL-SENSIELA) biex wieħed ikun jista' jagħraf jekk karta tal-flus tkunx tajba.

- **Għaliex għandna bżonn karti tal-flus ġodda?**

Il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro għandhom id-dmir li jħarsu l-integrità tal-karti tal-flus tagħhom u li jutilizzaw it-titjib li jsir fit-teknoloġija tal-karti tal-flus. Iridu jżommu l-karti tal-euro aġġornati u jtejbu b'mod kostanti d-disinji u l-karatteristiċi tas-sigurtà. Għal din ir-raġuni, il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali tal-Eurosistema qegħdin jiżviluppaw is-sensiela Europa biex jiżguraw li l-pubbliku ma tonqoslux il-fiduċja fil-munita. Permezz tat-titjib fis-sigurtà tal-karti tal-flus, is-sensiela l-ġdida se tkompli toffri l-aqwa ħarsien kontra l-falsifikazzjoni.

Barra minn hekk, il-karti tal-flus tas-sensiela Europa ta' denominazzjoni żgħira se jkunu jifilħu aktar għall-użu ta' kuljum billi għandhom kisja protettiva. Hekk il-karti tal-flus ma jkollhomx għalfejn jinbidlu daqshekk spiss, u dan ifisser li jonqsu kemm l-ispejjeż kif ukoll l-impatt fuq l-ambjent.

- **Meta se joħorġu d-denominazzjonijiet li jmiss?**

Il-karti tal-flus tas-sensiela Europa se jidħlu fiċ-ċirkolazzjoni skont id-denominazzjoni, miż-żgħira għall-kbira, jiġifieri wara l-€10 ikun imissha tidħol il-karta tal-€20 f'data li għad trid tiġi deċiża.